MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Numru 1133/2005

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Angelo Galea, iben Nazzareno,
imwieled San Ġiljan fis-17 ta'
jannar, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-27 ta' diċembru, 2005 għal ħabta tal-4.20 a.m. fir-Rabat, Malta kkometta serq ta' siġar u affarijiet oħra liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-ħin għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduti tas-27 ta’ diċembru, 2005 u tat-13 ta’ jannar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ jannar, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li s-siġar ġew ritornati fi spazju ta’ tmien siegħat minn meta sar ir-reat.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------